MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 458/2011

**A D**

Vs.

**B D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti ikkuntrattaw iz-zwieg fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Mejju tas-sena elf disa‘ mija sebgha u tmenin (1987), liema zwieg jinsba registrat fl-Indici tar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv numru sitt mija wiehed u ghoxrin tas-sena elf disa‘ mija seba‘ u tmenin (621/1987) - certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dokument A.

2. Illi miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, C li twieldet fl-20 ta‘ April 1990, u li llum ghalhekk ghandha wiehed u ghoxrin (21) sena, u E li twieldet fit-23 ta‘ Mejju 1992, u li ghalhekk illum ghandha dsatax (19)-il sena.

3. Illi l-kontendenti kienu infirdu minn xulxin bis-sahha ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Elena Farrugia datat sitta (6) ta‘ Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005), kopja hawn annessa bhala Dokument B.

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, il-kontendenti kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter alia*¸ l-obbligi tal-hlas tal-manteniment.

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti

6. Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta‘ kuntratt ta’ separazzjoni, ma huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Ghaldaqstant qed titlob illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina Qorti joghgobha, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Dicembru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat il-provi kollha li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg gew sodisfatti; u dana peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-6 ta’ Ottubru, 2005. Il-Qorti rat ukoll illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi dwar hlasijiet ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------